**27 ta' Novembru, 1998**

**Imhallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Brian Valenzia *noe et*

*versus*

*Maria Antoinette Falzon*

**Danni - Inċident Awtomobilistiku**

*Kawża dwar danni f'inċident stradali. Il-Qorti laqghet it-talba attriċi u sabet lill-konvenuta responsabbli.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha, wara li ppremettew:

Li waqt li Martin Vella kien qiegħed isuq il-vettura ta' l-assigurat ta' l-attur *nomine* minn Msida Circle, tal-Qroqq, fl-4 ta' *Marzu, 1994, huwa safa involut f'inċident awtomobilistiku* mal-karozza li kienet misjuqa mill-konvenuta u b'riżultat ta' dan l-inċident il-vettura tas-soċjetà assikurata sofriet danni;

Li dan l-inċident ġara b'tort unikament tal-konvenuta minħabba traskuraġni, imperizja, negliġenza, non-kuranza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parte tagħha;

Li l-attur *nomine* in bażi għall-polza ta' assigurazzjoni li għandu ma' l-assigurata tiegħu, ikkompensaha tal-ħsarat li din sofriet fl-istess vettura u għalhekk huwa ssurrogat fid-drittijiet tagħha in bażi għall-polza ta' assigurazzjoni u tal-liġi. Infatti ħallas lill-assigurata s-somma ta' Lm276.78 oltre li l-attur l-ieħor ħallas is-somma ta' Lm25 bħala *excess*;

Li meta l-konvenuta ġiet mitluba tikkompensaha din ma għamlet assolutament xejn;

Talbu għalhekk li l-konvenuta tgħid għaliex dina l-Qorti ma għandhiex:

Tiddikjara illi din il-kolliżjoni ġrat tort unikament tal-konvenuta minħabba negliġenza, imprudenza, nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u non-kuranza tal-konvenuta;

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti *nominandi*, ammontanti, kwantu għal Lm276.78 lill-attur *nomine* u Lm25 bħala *excess* lill-attur l-ieħor;

*Tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lill-atturi s-*somma fuq indikata ta' Lm301.78, kif fuq spartita in linea ta' danni jew somma oħra verjuri skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi;

Bl-imgħax legali mit-12 ta' April, 1994, sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' żewġ ittri

legali kontra l-konvenuta li minn issa tibqa' ngunta għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata tal-konvenuta li biha eċċepiet:

L-ewwel talba ta' l-atturi għandha tkun miċħuda stante li l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni ma ġarax ħtija ta' l-eċċipjenti iżda ġara unikament tort ta' Martin Vella li kien isuq il-vettura nru. O-1753;

It-tieni talba għandha għalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-atturi;

Isegwi li anke t-tielet talba għandha tkun riġettata billi l-eċċipjenti m'għandhiex tkun ikkundannata tħallas danni lill-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xieħda tal-konvenuta;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 1995;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Awissu, 1995;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Frar, 1996, li bih innominat *lill-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bħala* espert tat-traffiku sabiex, wara li jambjenta ruħu mal-lokalità ta' l-inċident u b'hekk ikun aktar f'qagħda li aktar jistħarreġ il-każ u, wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet, ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ u okkorrendo jillikwida d-danni;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi Avukat Dottor Joseph Azzopardi, ikkonfermat bil-ġurament fl-udjenza tas-27 ta' Marzu, 1998;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-kawża tirrigwarda inċident stradali li ġara fl-4 ta' Marzu, 1994, meta l-karozza tas-soċjetà attriċi, Vanguard Services Limited, li kienet assigurata mas-soċjetà attriċi l-oħra, kienet involuta f'ħabta ma' vettura (minibus nru. O-1753), li kienet misjuqa mill-konvenuta;

Il-karozza tas-soċjetà attriċi msemmija kienet qiegħda tinsaq minn ċertu Martin Vella u, in segwitu għall-inċident, is-soċjetà attriċi l-oħra, *qua* assiguratriċi, kellha tħallasha s-somma ta' Lm276.78 (mitejn u sitta u sebgħin lira u tmienja u sebgħin ċenteżmu), bħala danni billi kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*. Inoltre, l-istess soċjetà danneġġjata kellha tbati s-somma ta' Lm25.00 (ħamsa u għoxrin lira) bħala *excess*. Għalhekk, il-kawża qiegħda ssir mis-soċjetà assiguratriċi msemmija biex titħallas il-kumpens li ħallset bħala danni u dan stante s-surroga li għandha favur tagħha u mis-soċjetà assigurata biex titħallas is-somma ta' Lm25.00 bħala *excess*;

L-espert tat-traffiku wasal għall-konklużjoni li din il-ħabta ġrat għaliex waqt li Martin Vella kien qiegħed jipprova jittransita bejn il-minibus, misjuqa mill-konvenuta u r-*roundabout* (ara *sketch* a fol. 21), din ċaqalqet l-istess minibus u saret il-kolliżjoni. Din il-konklużjoni, l-espert tat-traffiku wasal

għaliha in bażi għal dak li l-konvenuta stess kienet qalet lis-Surġent li kien qiegħed jinvestiga l-każ u li huwa niżżel fl-okkorrenza;

Meta xehdet fil-kawża, il-konvenuta qalet li meta saret il-ħabta, il-minibus kien f'posizzjoni stazzjonarja għaliex hi kienet qiegħda tniżżel u ttella' xi passiġġieri u Martin Vella ipprova jgħaddi mill-ispazju li kien hemm bejn il-minibus u r-*roundabout* u spiċċa biex laqat il-vettura tagħha;

Din il-versjoni ta' kif ġara l-inċident hija differenti minn dik mogħtija mill-konvenuta *a tempo vergine*, jiġifieri meta hi kienet qiegħda tati l-versjoni tagħha ta' kif ġraw l-affarijiet lis-Surġent u, allura, kienet konsapevoli li dak li ser tgħid kien ser jibqa' miktub u, eventwalment, jiġi a konoxxenza ta' min ikun imsejjaħ biex jiġġudika. Dak in-nhar, il-konvenuta qalet:

"Kelli n-nies ġol-van u ridt naqla', bdejt naqla' u ninduna li ħbatt ma' vettura li kienet għaddejja";

Il-Qorti taqbel ma' l-espert li din il-versjoni ta' l-inċident mogħtija, kif intqal, *a tempo vergine*, għandha tingħata aktar piż u għandha twassal biex il-Qorti tiskarta dak li xehdet il-konvenuta waqt il-kawża u taċċetta li l-inċident stradali *de quo* ġara minħabba ħtija imputabbli unikament lill-konvenuta għaliex din qalgħet minn posizzjoni stazzjonarja mingħajr ma ħadet il-prekawzjoni li tara li waqt li qiegħda tagħmel dan kienet għaddejja l-ebda vettura;

Ikkunsidrat:

Jirriżulta li d-danni li s-soċjetà assiguratriċi kellha tħallas lis-soċjetà assigurata kienu fl-ammont ta' mitejn u sitta u sebgħin lira u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm276.78), kif

jidher mill-irċevuti li kopji taghhom jinsabu esebiti fil-kawża (fol. 18). Dan l-ammont li ġie likwidat mill-espert bħala danni mhux ikkontestat, kif lanqas mhux ikkontestat li s-soċjetà assigurata kellha tħallas l-ammont ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25.00) bħala *excess*;

L-espert, però, ma *llikwidax* dan *l-ammont bħala* danni billi, ovvjament bi żvista, qal li s-soċjetà assigurata ma kinitx attriċi fil-kawża;

*Dan huwa l-effett ta' lapsus da parti ta' l-espert għaliex* din is-soċjetà tiffigura bħala attriċi fl-okkju tal-kawża u, għalhekk, huwa kellu jillikwida dan l-aħħar ammont favur tagħha;

Għalhekk il-Qorti qiegħda taqbel mal-konklużjonijiet ta' l-espert tat-traffiku ħlief għal din l-aħħar waħda;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, filwaqt li taddotta r-rapport peritali, sakemm kompatibbli ma' dak li għadu kemm ingħad, *tilqa'* t-talbiet attriċi u hekk: (1) tiddikjara li l-inċident stradali in kwistjoni ġara unikament minħabba ħtija imputabbli lill-konvenuta; (2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur Valenzia *nomine* fis-somma ta' mitejn u sitta u sebgħin lira u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm276.78) u dawk sofferti mill-attur l-ieħor ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25.00); u (3) tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas is-somma komplessiva ta' tliet mija u lira u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm301.78), in linea ta' danni u kif spartita hawn fuq, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.